# 70. Meta...

Meta l-għodwa ħamranija
fil-punent tqabbad in-nar,
u bħaż-żahar il-kwiekeb jibru
ġewwa d-dlam ta' nofsinhar;

Meta l-weraq jaqa' koxkox
fir-rebbiegħa ta' bla ward,
u r-rix jitla' fil-ħarifa,
u l-bittieħ jonfoħ fil-bard...

La tibżax u taqtax qalbek,
ibqa' żgur ma jiġri xejn:
waqt li miexja d-dinja tagħna
flok pass wieħed meddet tnejn.

Ibża' biss meta l-imdanna
tibda tħobb u tgħin lill-kenna,
fl-istess dar it-tnejn joqogħdu,
u d-dar tagħhom qisha ġenna;

Meta, l-wegħda tal-miżżewġa
tibqa' sħiħa, mingħajr qerq,
meta n-nies jixtru u jbiegħu
kif hu xieraq, mingħajr serq;

Ibża' ftit, għax din il-kewkba
minn max-xemx tkun sa tinferaq,
u ġod-dlam tkun sa tiġġarraf
qalb ir-ragħ'd, in-nar u l-beraq!